**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 49, 50 u188**
**tal-Kapitolu 9**
**tal-Ligijiet ta' Malta; u**
**l-Artikoli 77(b) (c) u (g) ta' l-Att Nru XXIII**
**dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud**
**Kapitolu 406**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

***Kumpilazzjoni Nru:1214/2010***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**CARMELO ANTONIO SIVE**
**CHARLES BIANCO**
**(ID44368M)**

**Illum, 4 ta' April , 2017.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **Carmelo Antonio sive Charles Bianco** gie mressaq quddiemha akkuzat talli bejn Jannar 2010 u Ottubru 2010 f'dawn il-Gzejjer fil-kapacita' tieghu ta' Direttur tal-kumpanija Western Company Limited, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti,

izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'dokument mahsub ghal awtorita' pubblika u cioe' lid-Dipartiment tal-VAT, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz.

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-valur mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nr. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta l-istess Att, fi Frar 2010 u/jew f'xi data li tigi qabel, f'dawn il-gzejjer, xjentement ghamel denunzja, dikjarazzjoni jew ta taghrif li kien jaf li mhux korrett u/jew qarrieqi f'rigward materjali.

Talli wkoll fl-istess data, lok u cirkostanzi ghamel u/jew ghin sabiex jigi iffalsifikat dokument li jinhtieg li jinzamm taht dan l-Att u/jew ghamel uzu minn kontijiet foloz.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi uza fattura jew dokument dwar provvista li turi li ghandha tithallas taxxa fuq il-provvista meta kien jaf li ma ghandha tithallas ebda taxxa jew li t taxxa li ghandha tithallas kellha tkun anqas min dik murija, jew zied ma' prezz u/jew inkluda fi prezz ammont li juri li jirrapprezenta xi taxxa li fil-fatt ma kienx dovut jew li kien ghola mit-taxxa dovuta;

Il-Qorti f'kaz ta' htija giet mitluba tapplika l-artikolu 77 ta' l-Att u timponi multa li tammonta daqs ghaxar darbiet it-taxxa perikolata, liema somma tammonta ghal €21,683.90.

Aktar talli sar recidiv b'sentenza moghtija mil-Qorti tal-Magistrati (Malta), datata 27 ta' Ottubru, 2005 liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula, ai terminu ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid immarkat bhala Dok. MC1 a fol. 5, fedina penali mmarkata bhala Dok. MC2 a fol. 6 et sequitur, il-kunsens tal-Avukat Generali datat 16 ta' Novembru, 2010 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja liema kunsens gie mmarkat bhala Dok. MC3 a fol. 12, Dok. MC4 a fol. 13 et sequitur, Dok. MC5 a fol. 16, dikjarazzjoni mmarkata bhala Dok. MC6 a fol. 20, stqarrija mmarkata bhala Dok. MC7 a fol. 21 u 22 rispettivament u stqarrija mmarkata Dok. MC8 a fol. 23 et sequitur tal-Process.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April, 2014 u b'mod permanenti b'digriet tieghu tal-20 ta' Novembru, 2014.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni.

Illi nhar l-1 ta' Frar, 2011 xehed **Paul Scicluna** ghan-nom tal-Kummissarju tal-VAT. Spjega illi d-Dipartiment tal-VAT kien qieghed jaghmel investigazzjoni rigwardanti l-kumpanija Western Company Limited, meta l-Ispetturi li kienu qed jaghmlu dina l-investigazzjoni fost affarijiet ohra dehrilhom li zewg ircevuti partikolari li kien pprezenta l-imputat kienu jidhru li huma mbaghbsa. Wara li l-Ispetturi kienu kkonsultaw mal-persuni li kienu hargu dawn l-ircevuti rrizultalhom li dak is-suspett taghhom kien fondat. Konsegwentement dawn irreferew il-kaz lid-Direttur taghhom u mbaghad l-investigazzjoni ghaddiet f' idejn il-Pulizija.

Muri d-dokument MC 4 spjega li dan id-dokument jikkonsisti f' ittra iffirmat mid-Direttrici Operations tad-Dipartiment tal-VAT u cioe' Joanne Hefny fejn permezz ta' din l-ittra informat lill-pulizija bl-akkadut. Anness ma' din l-ittra hemm iz-zewg ircevuti li kien ghadu kif xehed dwarhom. Spjega li in kwantu ghad-Dok. MC 5 (fol. 16) din hija ukoll ittra iffirmata minn Joanne Hefny Director Operations li kienet baghtet lill-Pulizija biex tinfurmahom dwar l-akkadut u hemm ukoll zewg fotokopji tal-ircevuti annessi. Dwar dik a fol. 18 qal li din hija kopja tal-ircevuta originali u l-ohra a fol. 19 hija kopja tal-ircevuta allegatament falsifikata. In kwantu ghal Dok. MC 4, spjega li kien hemm zewg ircevuti originali u zewg ircevuti falsifikat.

Spjega illi kull persuna li tkun registrata taht l-Artiklu 10 tal-Att numru 23 tal-1998 jkollha l-facilita' li tnaqqas mill-VAT dovuta lid-Dipartiment tal-Vat, l-ammont ta' VAT li hija tkun hallset fuq ix-xiri u l-ispejjez tas-socjeta'. Konsegwentement persuna tkun tista' tigwadanja ghax tkun ser thallas inqas VAT. In kwantu ghal dawn l-ircevuti, l-ircevuta li originarjament kienet ta' €60 allegatament giet falsifikata biex taqra €3000 u l-ohra minn €35 giet imbaghabsa biex taqra l-ammont ta' €8350.

Illi nhar il-21 ta' Gunju, 2011 xehed **l-Ispettur Maurice Curmi** u spjega li huwa qed jesebixxi l-Memorandum and Articles tal-kumpanija Western Co. Ltd. liema dokument gie esebit u mmarkat bhala Dok. NGB1.

Illi nhar il-21 ta' Gunju, 2011 xehed **Lawrence Gatt** u spjega li huwa Assistent Direttur mad-Dipartiment tal-VAT. L-imputat li qieghed jaghrfu prezenti fl-Awla kien gie mitlub mid-Dipartiment sabiex jipprezenta xi dokumenti rigwardanti l-attivita' ekonomika tieghu. Spjega li din hija prassi tad-Dipartiment tal-VAT li minn zmien ghal zmien jitlob li persuni registrati sabiex huma jipproducu l-kotba taghhom biex ikunu jistghu jigu ezaminati. In kwantu ghal kaz mertu ta' din il-kawza t-talba biex l-imputat imur l-ufficcju taghhom kienet procedura normali. Spjega li mill-investigazzjoni li ghamlu rigwardanti d-dokumentazzjoni prodotta mill-imputat huma

rrizultalhom suspett li kien hemm xi dokumenti li kienu gewipprezentati li setghu kienu gew imbghabsin.

Minn hemm 'il quddiem imbaghad id-Dipartiment tal-VAT ha passi biex ikun hemm iktar investigazzjoni fuq dawn l-ircevuti, biex jaraw originarjament il-valur originali ta' dawn l-ircevuti x'kien. Rigwardanti l-kopja tal-ircevuta li hemm a folio erbatax (14) tal-Process din originarjament l-ircevuta kienet taqra sittin Ewro (€60), pero' minkejja dan il-fatt kienet giet ipprezentata sabiex taqra l-ammont ta' sitt elef (€6,000).

Spjega illi f'dan il-kaz il-persuna li kienet harget din l-ircevuta fl-ammont ta' sittin (€60) Euro ( fol. 15) marret id-Dipartiment, pero' fid-dipartiment kien gie prezentat kf jidher mid-dokument esebit a fol. erbatax (14) tal-Process kopja ta' din l-ircevuta fl-ammont ta' sitt elef (€6,000) Euro. Gie muri d-dokument li jinsab a folio dsatax (19) tal-Process u spjega li dan huwa dokument li kien gie prezentat lid-Dipartiment mill-imputat fl-ammont ta' tmint elef, tliet mija u hamsin (€8,350) Ewro, meta mbaghad sar l-istess ezercizzju li sar fuq l-ircevuta l-ohra, fil-fatt irrizulta li l-ircevuta originali bhala ammont kienet ta' hamsa u tletin (€35) Ewro. Spjega illi d-dokument illi jinsab a fol. dsatax (19) tal-process hija l-kopja tal-ircevuta li kien ipprezenta lid-Dipartiment l-imputat fl-ammont ta' tmint elef, tliet mija u hamsin (€8,350) Euro. Id-dokument li jinsab a fol. tmintax (18) tal-Process kienet ghaddithulhom il-persuna li originarjament kienet harget din l-ircevuta fl-ammont ta' hamsa u tletin (€35) Ewro. Inkwantu ghall-ewwel ircevuta li xehed dwarha, ix-xhud qal li l-imputat seta' jaghmel gwadann ta' disa' mija u sitt (€906) Ewro, in

kwantu ghall-ircevuta l-ohra u cioe' dik li turi l-ammont ta' tmint elef, tliet mija u hamsin (€8,350) Ewro spjega li l-original kienet ta' hamsa u tletin (€35) Euro, l-ammont li seta' gwadanja minnu l-imputat kien ta' elf, mitejn u tmenin (€1,280) Euro. Spjega illi l-ircevuti originali li xehed dwarhom kienu gew elevati minn ufficcjali tad-Dipartiment minghand il-persuna li kellha dawn l-ircevuti originali u prezentement jinsabu ghand id-Dipartiment tal-VAT.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro ezami spjega li b'referenza ghad-dokument li jinsab a folio hmistax (15) tal-Process gie mistoqsi mid-Difiza xi tfisser il-kelma *exempt* fuq l-istess dokument u spjega li l-persuna li qieghda tohrog din l-ircevuta fiskali la tigbor VAT minghand il-klijent u lanqas tghaddi sussegwentement il-VAT lill-Gvern fl-istess ammont. Dwar dan spjega pero' li l-imputat kien ipprezenta din l-ircevuta taht *column* bhala rcevuti taxxabli minkejja l-fatt illi kien hemm miktub *exempt* fuq din l-ircevuta. Spjega illi l-effett tal-kelma *exempt* fuq l-ircevuta huwa li l-ebda persuna ma tista' titlob *refund* ta' VAT minghand id-Dipartiment tal-VAT.

Rigwardanti l-imputat odjern jghid li kienu sejhulu biex igib il-kotba ghall-ezami ghal investigazzjoni *routine* u mbaghad waqt li kienu qed jezaminaw l-atti hareg dak li dwaru ghadu kif xehed illum. Spjega illi l-procedura hija illi huwa bhala Assistent Direttur qieghed fuq l-Ispetturi tal-VAT li dawn imbaghad ikollhom l-obbligu li jaghmlu l-investigazzjonijiet rigwardanti dawn il-kotba.

Ghaldaqstant spjega illi f'dan il-kaz kien wiehed mis-sub-alterni tieghu li kien gibidlu l-attenzjoni dwar dak li kien sab rigwardanti

dawn l-ircevuti illi xehed dwarhom illum. Mistoqsi mid-Difiza jekk huwa jafx li hemm kawza civili miftuha mill-imputat fil-konfront tad-Dipartiment tal-VAT dwar dan il-fatt , spjega li ma jafx. L-ispetturi li effettivament kellhom il-kaz assenjat lilhom li ssir l-investigazzjoni rigwardanti l-imputat kienu Rodrick Vella u Noel Borg.

Illi nhar it-12 ta' Marzu, 2012 xehed **Lawrence Gatt** li ddikjara li huwa jahdem l-ETC fil-grad ta' Executive. Mistoqsi jekk giex mitlub jaghmel xi ricerka spjega li gie mitlub jipprezenta *employment history* ta' Tonio Grima ID Card number 384573M li giet esebita u mmarkata bhala Dok. ETC. Ikkonferma li kien hu li ghamel din ir ricerka.

Illi nhar it-12 ta' Marzu, 2012 xehed **Domnic Darmanin** u mistoqsi x'jaghmel bhala xoghol spjega li jahdem bhala auto Electrician u jahdem go garaxx gewwa Ghajn Dwieli. Mistoqsi x'jaghmel ezatt *electrician* u jekk ibieghx xi *parts* ukoll, spjega li x-xoghol tieghu jikkonsisti li jiehu hsieb d-dawl fil-karozzzi, *alternators, dynamos u wiring*. Mistoqsi jekk jiftakarx li l-prosekutur kien kellmu fuq ircevuta partikolari u jekk lill-imputat Carmelo Bianco jafux spjega li le ma jiftakarx min hu l-imputat Bianco. Muri d-dokument a folio 15 u mistoqsi jekk jafx x'inhi spjega li ma kienx qed jaghraf id-dokument. Wara kkonferma li kien dokument li hareg hu stess. Il-Qorti spjegat li wara li l-imputat libes in-nuccali seta' jaghraf id-dokument u mistoqsi x'inhu dak id-dokument spjega li kienet ircevuta minn tieghu. Mistoqsi l-ircevuta tieghu ghal kemm harigha jghid li kienet ghall-

ammont ta' sittin Ewro ( €60). Mistoqsi f'isem min harigha spjega li l-isem m'ghandux ghax hu jaghmel biss il-prezz. Lanqas il-karozza ma jnizzel. Mistoqsi jekk jaqbilx mal-kontenut, jigifieri mal-ammont ta' sitt elef Euro (€6,000), wiegeb li ma jaqbilx. Mistoqsi kemm kien l-ammont originali fuq l-ircevuta li hareg, qal li kien ta' sittin Euro (€60). Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx hu li hareg l-ircevuta ta' sittin Euro (€60), qal li dik tieghu tinsab esebita a fol. erbatax (14) u spjega illi milli jidher kienu zidulha il-prezz. Jikkonferma li huwa ma harigx ricevuta bl-ammont ta' sitt elef Ewro (€6,000) izda kien hareg wahda ghas-somma ta' sittin Ewro ( €60). Mistoqsi jekk wara illi hareg dik l-ircevuta ghal sittin Ewro (€60) xi hadd kienx mar jghidlu biex jaghmlilha xi korrezzjoni jew zieda, qal li ma mar hadd. Mistoqsi jekk jiftakarx minn dik l-ircevuta x'tip ta' xoghol ghamel, qal li *repair short* tfisser li sar *short* fil-*wire*, li mid-dehra ma kienx qawwi biex ha sixty Euro (€60).

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro-ezami gie mistoqsi jekk huwiex cert illi dik l-ircevuta tahiex lill-imputat, spjega li hu ma jiftakarx min kien ghax din kienet mis-sena elfejn u tmienja (2008). Mistoqsi jekk qattx ghamel xi xoghol ghall-imputat spjega li safejn jaf hu qatt ma rah. Mistoqsi jekk hux cert li dik l-ircevuta ma tahiex lill-imputat , spjega ghal darb' ohra li lill-imputat ma jafux, imma x-xoghol ghamlu hu. Mistoqsi jekk hux jaghraf lill-imputat, spjega li ma jaghrfux. Mistoqsi dwar dak li qal, cioe' li ma jafx lill-imputat, wiegeb li kien rah biss dakinhar meta sewwa l-karozza, pero' ma regax rah, pero' mis-sena elfejn u tmienja (2008) ma jiftakarx.

Mistoqsi mid-difiza jekk jiftakarx fuq liema karozza hadem jekk hux ta'l-imputat jew le, jghid li ma jiftakarx.

Illi nhar is-26 ta' Novembru, 2012 xehdet **Daniela Azzopardi** u skond ma giet mitluba hija pprezentat il-Memorandum and Articles ta' Western Company Limited C19994, li gie mmarkat bhala Dok. DA1.

Illi nhar il-11 ta' Settembru, 2013 xehed **Roderick Vella** u mitlub jispjega lill-Qorti fejn jahdem u x'inhi l-kariga tieghu, spjega li fi zmien dan il-kaz kien jahdem il-VAT, izda fil-prezent jahdem l-OPM bhala VAT Inspector. Spjega li kienu ghamlu ezercizzju fuq il-kumpanija Western Company Limited. Mistoqsi rigward il-kaz in kwistjoni u x'kien xogholu fi hdan id-Dipartiment tal-VAT spjega li xogholu kien li jiccekja li l-*claims* li jsiru fil-VAT *returns* ikunu tajbin, skond ma tirrikjedi l-ligi.

Huwa spjega li f'dan il-kaz kull ma ghamel kien li ha l-*photocopies* tal-*invoices* u ghazel xi *invoices* u ghaddihom lil sezzjoni ohra li ticcekkja li l-*invoices* biex jaraw jekk kienux tajbin. Kien ghaddihom lill-*audit rating*, biex jaghmel *audit rate* taghhom. Spjega li huma jaghzlu l-invoices b'mod *random* jew skond il-valur u jekk jaraw il-valur naqra gholi, jiddeciedu li jghadduhom ghal izjed *audit rating*. Mistoqsi jekk f'dan il-kaz jiftakarx x'gara spjega li wara li ghaddewhom mid-dehra sabu li kien hemm xi tnejn (2) minnhom li kienu differenti. Gie muri d-dokumenti esebiti a fol. 14,15,18 u19 u mistoqsi x'jaf jghid dwarhom spjega li dawk a fol. 19 u 14 ghaddew

ghall-*audit rate*, ghaddewhom lill-persuna ohra sabiex ticcekja ma' min hareg l-ircevuta.

Illi nhar il-11 ta' Settembru, 2013 xehed **Noel Borg** u kkonferma li jahdem il-VAT Department, ghandu kariga ta' VAT Inspector u jaghmel xoghol ta' Review Officer. Mistoqsi x'jaf dwar dan il-kaz u x'kien l-involviment tieghu spjega li f'dan il-kaz kien intbaghatlu il-*file* ta' Western Company Limited sabiex isir *credit control*. Ikkonferma li kien talab il-*files u* l-*purchase ledgers* biex jara il-credit *control*, sabiex jivverifika jekk il-*claims* li saru kienux korretti. Mistoqsi lil min kien talab dawn il-*ledgers* spjega li kien talabhom lid-Direttur ta' din l-istess socjeta u cioe lil Carmel Bianco. Mistoqsi jekk hux qed jagharaf din l-persuna fl-Awla spjega li iva u indika lill-imputat. Mistoqsi jekk il-*ledgers* kien gabhomlu l-imputat ikkonferma li hekk kien.

Mistoqsi mbaghad x'ghamlu u x'gara wara li gabhomlu spjega li mbaghad kienu talbu xi *invoices* u *receipts* biex jaraw il-*claims* taghhom, qabbluhom mal-*ledgers* li kien ghamel imbaghad uhud minnhom kienu baghatuhom ghall-*auditry*. Mistoqsi jekk kellux kopja tal-*ledgers* li kien ghaddielhom l-imputat, spjega li ghandu ta' tnejn (2) minnhom li baghtu ghall-auditry mhux tal-*ledgers* kollha. Huwa ddikjara li qed jipprezenta l-ewwel (1) dokument bhala NB1u t-tieni (2) dokument bhala NB2. Muri d-dokument a fol 14, 15, 18 u 19 mitlub jispjega x'inhuma u x'taf jghid dwarhom spjega li dawn huma

dokumenti kopja tal-original li kienu talbu sabiex jipprezentawhom ghall-*audit rate*.

Mistoqsi in kontro-ezami jekk il-*claims* tal-imputat fil-kaz in kwistjoni kinux iktar minn dak li hallas, jew kienux *in line* ma' dak li hallas spjega li huma ccekkjaw u qabblu l-*ledgers* li pprezentalhom mal-*claims* u sabu li kien hemm certu ammonti li ma jaqblux mal-VAT *returns*. Mistoqsi jekk il-problema hija skaturietx ruhha abbazi tal-*ledgers* tieghu li jzomm ma' karti ohra, x-xhud wiegeb li huma qabblu l-prezentazzjoni tal-VAT *return*. Mistoqsi jekk huma investigawx abbazi d-dokumenti tieghu u jekk il-*ledgers* humiex tieghu spjega li tieghu kienu l-ledgers. Mistoqsi jekk id-domanda li ghamel ghall-*claim* tieghu, huwiex tieghu ukoll, ikkonferma li hekk hu. Mistoqsi jekk huma bnewx kollox fuq il-karti li ghamel hu spjega li iva. Mistoqsi mid-difiza jekk galadarba l-imputat hu l-awtur sija tal-ledgers u sija tal-claim ghandux dritt jikkoregihom, ix-xhud wiegeb li l-ligi tal-VAT ittih permess li jikkoregi.

Illi nhar is-6 ta' Novembru, 2014 xehed **Peter Spiteri** u spjega li jiftakar li kienu baghatu ghalih xi rappresentanti tal-VAT u kienu allegaw illi huwa kien ghamel xi dikjarazzjoni falza tal-VAT. Gie muri dokument Audit Trade esebit f'dawn l-atti a fol. 19, li huwa VAT *receipt* mahrug minn Peter Spiteri fl-ammont ta' tmint elef, tlett mija u hamsin ewro (€8,350). Spjega li l-ircevuta originali li huwa kien ta, l-ammont kien ta' *thirty five euros* (€35) u kien hemm miktub biss *key cut*. Esebixxa kopja tal-ircevuta originali li l-Qorti qed timmarka bhala

dokument CSH. Bil-gurament tieghu spjega li huwa effettivament qatt ma hareg din l-ircevuta ghas-somma ta' €8350.

Illi nhar id-19 ta’ Jannar, 2015 xehed l-**Ispettur Maurice Curmi** u spjega li f'ittra datata hamsa (5) ta' Awwissu, 2010 dak iz-zmien Director of Operations Joanne Hefny fil-kapacita' taghha ta’ Director of Operations mal-VAT Department kienet talbet lill-Pulizija sabiex jinvestigaw kaz fejn l-imputat Carmel sive Charles Bianco fil-kapacita' tieghu ta' Direttur tal-Western Company Limited u *bearer* ta' VAT Number numru 14392305 kien klejma *refund* fuq zewg (2) *fiscal invoices* li dehru li kienu mbaghabsa. Din kompliet tghidilhom fl-ittra li mill-investigazzjoni li ghamlu huma rrizultalhom li s-s*upplier* kien prezentalhom ricevuta fiskali fl-ammont ta' hamsa u tletin ewro (€35) mentri l-imputat kien ipprezenta l-istess ricevuta fiskali fl-ammont ta' tmin t'elef, tlett mija u hamsin Ewro (€8,350).

Huwa sussegwentement kien baghat ghall-imputat fil-hdax 11 ta' Novembru, 2010 u wara li nghata s-solitu twissija l-imputat kien irrilaxxa stqarrija fejn bazikament kien innega kull allegazzjoni li kienu ghamlu fil-konfront tieghu d-Dipartiment tal-VAT u qal ukoll illi l-ircevuta in kwistjoni jigifieri din it-*tampered one* kien ghaddihielu certu Joseph Grima detentur tal-karta tal-identita' numru 211171(M) li f'dak iz-zmien kien jinnegozja mieghu pero' illum il-gurnata Joseph Grima kien harab minn Malta u ghalhekk ovvjament ma setax ikellmu. Biex jikkonferma dak li kien qed jallega l-imputat,

sussegwentement ix-xhud kien tkellem ma' Lawrence Gatt li jahdem fid-Dipartiment tal-VAT li kien il-persuna li nvestiga l-allegazzjonijiet ta' *tampered invoices* li kien ipprezenta l-imputat u kien ukoll spjegalu x'kien gara u kif kienet tahdem is-sistema ghax huwa xtaq ikun jaf ezattament xi gwadann seta' jaghmel l-imputat b'dawn it-*tampered invoices.* Gatt kien qallu ukoll illi fil-process kien sab ircevuta ohra apparti dik li tissemma' fuq, fejn din id-darba s-*supplier* kien hareg ircevuta fl-ammont ta' sittin Ewro (€60) mentri l-ircevuta li l-imputat issottometta lid-Dipartiment tal-VAT kienet fl-ammont ta' sitt elef Ewro (€6,000). Huwa sussegwentement kien rega' tkellem mal-imputat fuq dawn l-allegazzjonijiet ta' l-ahhar. Dan ovvjament kategorikament cahad dak kollu li kien qed jigi allegat fil-konfront tieghu.

Illi nhar it-22 ta' Gunju, 2015 xehed l-imputat **Carmelo Antonio sive Charles Bianco** u b'referenza ghall-istqarrija li huwa rrilaxxja fil-hdax (11) ta' Novembru, 2010 li tinsab esebita fl-atti a fol. 21 et sequitur immarkata bhala dokument MC7, spjega illi huwa jimporta diversi vetturi sabiex jinbieghu fuq is-suq lokali u hafna minn dawn il-vetturi huwa jghaddihom lill-klijenti taghhom sabiex ibieghuhom huma. Peress li huwa jinsab fl-ghaqda tad-*dealers* iqassam hafna karrozzi.

Jiftakar darba minnhom kienu baghtu ghalih tal-Vat Office u kien mar ikellimhom. Talbuh sabiex johdihom il-*ledgers* taghhom dwar il-bejgh

li kien ghamel  xi sentejn jew sentejn u nofs qabel. Fil-fatt qalilhom li kellu ghaxar (10) kaxex u kien lest li jghaddihomlhom. Naturalment meta raw li kien hemm ammont volominuz iddejqu.  Hemmhekk kien hemm l-ircevuti tal-operat kollu tieghu. In segwitu’ jaf li kien baghat ghalih l-Ispettur u ghamillu din l-allegazzjoni. Spjega li meta effettivament il-Pulizija kienet kellmitu ma setax jikkoncentra minn kien li tah l-ircevuta fiskali, mohhu bblenkja. Spjega ukoll li l-Ispettur kien urih xi rcevuta.  Kien irrilaxja l-ewwel (1) *statement* filghodu u jaf li in segwitu’ rrilaxxja stqarrija ohra li tinsab esebita fl-atti a fol. 23 immarkata bhala dokument MCA. Sab li l-ircevuta inkwistjoni dwar l-*eight thousand three hundred fifty* (€8,350) *Euros* kienet tappartjeni lil xi hadd Joe Grima.  Qal li kien dan Grima li ghaddielhom dawn l-ircevuti fiskali. Dan kien mahrub. L-imputat qal li fil-fatt hu kien qal lill-Ispettur li dwaru kien hemm hafna nies li ghamlu l-istess *complaint*, anzi li fil-fatt kien hemm diversi nies li waqghu lura fil-pagament mieghu minhabba fih u li huma tawhom cans ghal *recovery*. Qal li dan Grima kellu djun ta’ xi 1.7 miljun *Euros* ma’ kulhadd u zied li huwa ma kienx li Grima kien dan it-tip ta’ persuna.

Spjega li sa fejn jaf hu r-relazzjoni tieghu ma' Grima kienet tajba, problemi ma kienx hemm.  Spjega li l-ammonti li ghandu f’dan il-kaz u cioe’ ta’ tmin t'elef  (8,000) u sitt elef  (6,000) *Euros* huma n-normalita' tal-*business* taghhom.   Zied li l-ebda karrozza taghhom ma jkollha cavetta tiswa hamsa u tletin (35) *Euro*, izda kollha jisewew hafna aktar.  Sostna li biss biss l-agent johodlok mija u sebghin (170) *Euro* talli jtik in-numru tac-cavetta biex jordnaha u biex tordnaha

tiswik mitejn u sebghin (270) *Euro* minn qabel. Gie muri dokument esebit fl-atti a fol. 19 u spjega illi meta huwa nghata din l-ircevuta, li ghalih kienet ricevuta normali, ma ghamel l-ebda verifiki dwarha. Spjega li hemm ukoll miktub il-kliem '*engines*'.

Spjega li l-ircevuti u l-*files* taghhom ghaddewhom kollha lid-Dipartiment tal-Vat. Huma qieghdin fuq *margin profit scheme*, jigifieri ma jiehdux flus lura, ma jikklejmjawx. Huma jhallsu biss fuq il-profitt. Huma jiehdu flus biss lura fuq *Vat Invoice, izda* din mhux *Vat Invoice*, hija *Vat Reciept*. Iddikjara li huwa lest li jaghti kampjun tal-kaligrafija tieghu. Huwa deherlu li ma kellu xejn x'jahbi u ghalhekk wiegeb id-domandi kollha li gew impsoti lilu. Huwa kellu diversi negozji ma' dan Joe Grima mhux wahda biss. L-*istatements* huwa jikkonfermahom. Fil-fatt l-Ispettur kien urih ritratt ta’ Grima dakinhar stess sa filghaxija.

Spjega li effettivament hadd ma kien jaf illi dan Joe Grima il-‘Vasu’ kien telaq minn Malta. Qatt ma kellu x'jaqsam fin-negozju ma' Pierre msemmi fit-tieni (2) stqarrija tieghu. Spjega illi ma' genb l-Auto Point hemm Jimmy Auto Dealer u huwa jghaddi l-karrozzi lil dan Jimmy Auto Dealer u ghalhekk gharaf lil Pierre u jaf illi l-Auto Point tbiegh biss *parts*. Spjega li effettivament minn verifiki li ghamel irrizulta li dan Pierre kien ghamel xi kawzi u fittex lil xi nies ghal xi *parts*. Huwa esebixxa sentenza ta’ dan Pierre li nghatat mit-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar li l-Qorti qed timmarka bhala dokument Z fejn kien fittex lil xi persuna ghal xi somma flus rapprezentanti l-bejgh ta’ *clutch*.

B'referenza ghall-*Vat receipt* li tinsab esebita fl-atti a fol. 14 fl-ammont ta' sitt elef (€6,000) Ewro mahruga minn Dominic Darmanin, ikkonferma li dan id-dokument inghata lilu mill-istess persuna Joe Grima l-'Vasu'. Spjega li din mhiex *Vat Invoice* u ghalhekk hija *exempt* u ghalhekk ma klejmjahiex. Qal illi hija haga normali illi thallas l-ammont ta' sitt elef (€6,000) Ewro ghal disa' (9) magni. Huwa normali li disa' (9) magni jiswew sitt elef (€6,000) Ewro. Spjega li r-*receipts* originali gew mehuda minn tal-Vat u m'ghadhomx iktar ghandu u ghalhekk il-Vat Department zamm l-originali.

Zied jghid li huwa ghadda lid-Dipartiment tal-VAT diversi *box files* mimlijin b'ircevuti. Spjega li huwa jpoggi dawn it-tip ta' ricevuti fil-*files* pero' huma *Vat exempt* ghax m'humiex *fiscal receipts,* izda xorta titpogga fil-*file* mad-dokumenti l-ohra. Kompla li ghalih ma taghmilx sens li jghidulu li jrid jipprova jiggwadanja elfejn (€2,000) Ewro meta jqis il-volum tax-xoghol li ghadda lill-Vat. Qal li l-kumpanija tieghu thallas biss Vat fuq il-qliegh u kompla jghid li ju ma kien sa jiggwadanja xejn minn dawn iz-zewg (2) *fiscal receipts,* anzi talli tilef ghaliex dan Grima harablu w tilef il-flus. Ghal darb' ohra sahaq li hu ma baghbas l-ebda ricevuta, kif ukoll li dawn iz-zewg (2) ricevuti gew moghtija lilu minn Joe Grima. Pero' qal li meta effettivament dan kien harab minn Malta, hu ma jafx.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro-ezami spjega li huwa ma joqghodx jivverifika r-ricevuti li jtuh, ituh ricevuti u huwa jhallashom minnufih. Naturalment huwa ma kienx jaf li Grima kien ser jahrab. Spjega li jekk fil-*ledgers* hemm miktub xi haga, ifisser li hu skond ma hemm imnizzel, pero' ma jfissirx li hu kien ser jiklejmja r-*refund* tal-elfejn (€2000) Ewro. Sostna li m'huwiex minnu illi Peter Spiteri kien jaqta' c-cwievet biss, u dan jirrizulta mis-sentenzi li esebixxa. Sostna li Peter Spiteri li tah il-*Vat receipt* esebita fl-atti a fol. 18 kien ibiegh ukoll il-*parts*. Ghalih dawn iz-zewg (2) ricevuti kienu normali.

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Gunju, 2015 fejn innominat lil Dr. Juliana Scerri Ferrante sabiex isir ezami komparattiv bejn il-kalligrafija u n-numri miktuba mill-imputat u dik murija fuq id-dokumenti li jinsabu esebiti a fol. 14 sa fol. 19 tal-process.

Illi nhar it-2 ta' Marzu, 2016 xehdet **Dr. Juliana Scerri Ferrante** u spjegat li hija kienet giet nominata minn din il-Qorti b'digriet taghha tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Gunju, tas-sena elfejn u hmistax (2015) u dana sabiex tiehu kampjuni tal-firem u tal-iskrittura tal-imputat u ssir analizi komparattiva mal-kalligrafija li kien hemm fuq id-dokumenti esebiti fl-atti a fol. 14 sa 19 ta' l-atti. Qalet li llum kienet tinsab f'posizzjoni li tesebixxi r-relazzjoni taghha maghmula ghal tali fini, liema dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument JSF, u rritornat l-istess dokumenti li hija hadmet fuqhom. Spjegat li effettivament id-dokumentazzjoni li tinsab inserita fl-atti ma kinitx id-

dokumentazzjoni originali izda kienet biss fotokopja, u ghalhekk ikkonkludiet li ma setghetx tistabilixxi l-pressjoni tal-kitba ghaliex qatt ma ezaminat l-original tad-dokumenti esebiti u strahet biss fuq il-fotokopja. Minn dan l-esercizju li ghamlet ikkonkludiet li fil-fehma taghha l-probabilita' hi li l-kitba fuq l-ircevuti tal-Vat indikati a fol. 14 sa 19 tal-process ma sarux mill-imputat.

Illi nhar il-15 ta Settembru 2016 xehed **Emmanuel Gatt** u spjega li jaf lill-imputat bhala *car dealer.* Lil Joseph Grima maghruf bhala il-'Vasu' jafu bhala *dealer* ukoll. Mistoqsi jekk jafx jekk dan Grima ghamilx xi noegozju mal-imputat, wiegeb li jaf li gieli ghamel. Jaf li l-imputat kien ibiegh il-karozzi ta' dan Grima u dan kien jghidlu biex itih cans biex ihallsu lura u Grima mhux dejjem kien ikollu il-flus *cash* biex ihallas lill-imputat. Jghid li meta l-imputat kien ibiegh xi karozza kien jew jithallas *cash* jew ibieghlu d-dejn li kellu fis-sens li l-pagamenti li kienu jkunu dovuti lil Grima jibdew jithallsu lil Bianco direttament. Mistoqsi jekk kienx jaf xi jsir mill-ispejjez, jaf li darba minnhom kien prezenti u l-vettura kellha xi hsara, u dan jumejn biss wara li l-imputat kien bieghha. L-imputat kien qal lil Grima beix ihallsu tal-ispejjez u dawn l-ispejjez kellhom jitnaqqsu mill-kont. Jaf li Grima kien imur isewwi u kien jghaddi l-ircevuti tal-hsarat lill-imputat. Sa fejn jaf hu llum il-gurnata dan Grima jinsab imsiefer u ilu msiefer aktar minn hames snin.

Rat is-sentenza esebita mid-Difiza seduta stante nhar l-14 ta' Marzu 2017, liema sentenza giet moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta nhar l-14 ta' Jannar 2008 fl-istess ismijiet premessi u cioe' fil-konfront tal-imputat odjern.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2017 fejn wara talbu lil din l-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

Ikkunsidrat:

Ta' min ifakkar li fi proceduri penali, l-*onus* tal-prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha, bhala regola generali, u hija l-eccezzjoni li d-Difiza trid tipprova xi haga.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex, kif ighid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890**:

*"Il cosi detto onero della prova, cioe' il carico di fornirla spetta a chi accusa-. onus probandi incumbit qui osservit* "

II-Qorti hawnhekk qabel xejn tirrileva li l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli waqt li d-Difiza trid ripprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita'.

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Philip Zammit et'** u tghid pero' li mhux kull l-icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li '*dubju jkun dak dettat mir-raguni.*'

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Peter Ebejer'**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-

ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz '**Miller vs Minister of Pension**' - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *'proof beyond a reasonable doubt.'*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt.The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice."*

Illi ma hemmx dubbju li f'dan il-kaz il-prosekuzzjoni bbazat il-kaz taghha fuq l-investigazzjoni li ghamel id-Dipartiment tal-VAT billi l-original tad-dokumenti esebiti a fol. 14 sa 19 li jifformaw il-pern tal-kwistjoni odjerna inghataw lid-dipartiment mill-imputat a tempo vergine tal-investigazzjoni mizmuma minnhom, pero' fl-ebda hin dawn ma gew esebiti f'dawn l-atti, u ghalhekk din il-kawza hija bbazata biss fuq dokumenti li huma possibilment fotokopji - u qed jinghad possibilment ghaliex lanqas awtentikazzjoni li huma vera kopja tal-original fuq dawn il-fotokopji ma hemm. Ghalhekk una volta l- original ma giex esebit fil-Qorti, jew addirittura ma giex muri lill-Qorti, l-Qorti ma tistax taqbad u taccetta affermazzjoni ta' xhud li jghid li dawn id-dokumenti esebiti huma fotokopji tal-orginal. L-ewwelnett ghaliex il-Qorti m'ghandha l-ebda kontroll jekk in effetti

ix-xhud li qal li dawn huma fotokopji qattx ra l-original jew jekk qalx hekk ghax assuma li kien hekk, u fit-tieni lok ghaliex hija qatt ma kienet f'posizzjoni li tivverifika d-dokument originali innifsu.

Hu appuntu necessarju jinghad li l-ahjar prova ta' x'verament irrilaxxja l-imputat kien ikun li kieku gie esebit l-original tal-VAT *receipts* li jinsabu a fol. 14 sa 19 tal-process, liema dokumenti x'aktarx jinsabu f'idejn l-istess dipartiment tal-VAT li zamm l-investigazzjoni preliminari. (Vide **Il-Pulizija vs Joseph Friggieri** deciza fl-24 ta' Settembru 1996 u **Il-Pulizija vs Anthony Licari,** it-tnejn decizi mill-Qorti tal-Appell nhar il-5 ta' Lulju 2004) dwar dak li jikkostitwixxi *Best Evidence* u cioe' li dokument jigi esebit fl-original tieghu.

Din il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija minnha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Walter Debono** nhar it-23 ta' April 1999 fejn f'dik il-kawza id-difiza stqarret li l-prosekuzzjoni ma kinitx ipproduciet l-ahjar prova fil-konfront tal-imputat, fis-sens li ma esebietx ic-cekkijiet li suppost inhargu favur Silvio Rapa mill-imputat, u li l-fotokopja li giet esebita ma hix l-ahjar prova skond il-ligi u ghaldaqstant mhix sufficjenti u m'ghandhiex valur probatorju ai fini ta' prova. Hemmhekk ukoll il-prosekuzzjoni ma qablitx ma' din il-linja difensjonali u dan primarjament ghaliex sostniet li hija qatt ma kellha l-original f'idejha u ghalhekk fic-cirkostanzi l-ahjar prova hija l-fotokopja. Jinghad li f'dik il-kawza il-fotokopji kienu gew awtentikati hames snin wara l-hrug taghhom u ghalhekk il-Qorti ma

kinitx sabet lill-imputat hati a bazi tal-fatt li l-prosekuzzjoni ma ressqitx l-ahjar prova.

Illi skond l-**Artikolu 638(1) tal-Kap. 9** "*bhala regola ghandu jitqies li tingieb l-prova l-aktar shiha u sodisfacenti li l-kaz jkun jahti…*"

Ghalhekk skond dan l-artikolu jirrizulta bla ebda dubbju ragonevoli li l-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tressaq l-ahjar prova biex tipprova l-kaz taghha. Illi fil-kaz odjern, l-original tad-dokumenti esebiti a fol. 14 sa 19 li fuqhom il-prosekuzzjoni ibbazat il-kaz taghha, kienu jinsabu f'idejn l-istess xhieda tal-prosekuzzjoni. Minhabba dan in-nuqqas, lanqas l-espert tal-kalligrafija nominat mill-Qorti ma setghet taqdi l-inkarigu moghti lilha bl-ahjar mod.

Bhala regola, kopja ta' dokument hija ammissibbli bhala prova u tikkostitwixxi *secondary evidence* purche' tigi awtentikata skond il-ligi.

Skond l-awtur **G.D.Nokes** fil-ktieb tieghu Criminal Procedure (Pt iv-page 425) dana jghid li:-

"*During the currency of the best procedure there were degrees of secondary evidence. If the original document was not available, the next best evidence should be adduced…..copies are of considerable variety and include the following.*

1. *An examined copy is one which has been compared with the original and seen to be accurate by the witness who examined and proved it, but it is usally sufficient if the witness has checked the copy with the contents of the original as read out by another person*."

Fil-fatt fis-sentenza **R v Colins** ( 1960 – 44 CAR 170) l-akkuzat kien gie misjub hati ta' frodi billi ottjena flus fuq cekk li ma ssarafx, il-prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha fuq allegata ittra mibghuta mill-bank. F'dan il-kaz ix-xhieda kienet biss orali dwar ricevuti li hargu li l-original taghhom jew l-awtentiticita taghhom ma tezistix. Il-Qorti tal-Appell f'dik il-kawza ma kellhiex oggezzjoni li tigi esebiti kopja ta' dik l-ittra **purche'** din tigi verifikata skond il-ligi. (sottolinear ta' din il-Qorti).

**Nokes** ikompli jghid:

"2. *A certified copy is one to be a true copy. A copy certified in such manner as the Court may order or approve is admissible generally certified by an officer to whose custody the orginal is entrusted*".

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminal fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Farrugia** deciza nhar is-16 ta' Jannar 1986.

Il-Qorti thoss li d-dokumenti esebiti a fol. 14 sa 19 tal-process ma jikkostitwux prova fil-grad rikjest mil-ligi, molto piu' meta tiqis ix-xhieda moghtija. Illi sabiex dawn id-dokumenti jikksotitwixxu prova jridu jigu certifikati skond il-ligi, u cioe' mill-persuna li ghandha l-original f'idejha. Din il-Qorti tosserva li dan huwa nuqqas tal-prosekuzzjoni li f'kazijiet bhal dawn ma tinsistix mal-parti leza li ghandu jkollha f'idejha l-ircevuti originali, u taqbad u tipprocedi bil-kwerela fuq insistenza tad-Dipartiment. Ghandha l-ewwel tissoda il-kaz taghha billi tottjeni kull dokument necessarju ghall-kaz u tiehu kull stqarrija skond il-ligi, bil-kawteli legali, biex ma jkun hemm l-ebda problemi f'dan ir-rigward. Illi ma hemmx dubbju li f'kawzi kriminali l-Qorti ma tistax tiskarta l-principji kardinali ta' evidenza.

**Ghalhekk stante li l-Qorti mhix qed tikkunsidra dawn id-dokumenti bhala maghmula skond il-ligi, u li wisq inqas jistghu jikkostitwixxu prova, l-Qorti m'ghandhiex wisq iktar xi tghid dwar in-nuqqas ta' prova taghhom. Ghaldaqstant, fin-nuqqas ta' provi, l-Qorti tiddikjara li ma ssibx lill-imputat CARMELO ANTONIO sive CHARLES BIANCO hati u qeghda tilliberah minn kull akkuza.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D., Dip. Matr. (Can)**
**Magistrat**